# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA
# (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 28 ta' Jannar, 2021**

**Numru 3**

**Rikors Numru 95/20TA**

**L-Avukat Dr Cedric Mifsud detentur tal-karta tal-identita' numru 196979 (M) a nom u in rappreżentanza tal-assenti Emmanuel Gemmell Smith**

**vs**

**Il-Ministru għall-Ġustizzja, l-Ugwaljanza u l-Governanza, Direttur Ġenerali (Qrati), l-Avukat ta-Istat**

**u**

**Marisa Bugeja għal kull interess li jista' jkollha**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors tar-Rikorrent ippreżentat fit-3 ta' Ġunju 2020 li permezz tiegħu talab is-segwenti:-

1. "Illi permezz ta' skrittura privata datata nhar is-sitta (6) ta' Mejju elfejn u ħmistax (2015), is-sur Emmanuel Gemmell Smith kera taħt titolu ta' lokazzjoni, il-fond bin-numru sitta u għoxrin (26) bl-isem ta' Marfran, fi Triq Oliver Agius, Attard mingħand is-sinjura Marisa Bugeja għal

perjodu ta' bejn l-ewwel (1) ta' Lulju elfejn u ħmistax (2015) u it-tletin (30) ta' Ġunju elfejn u sbatax (2017) u dan versu il-kirja ta' elfejn u sitt mitt Ewro (€2,600);

2. Illi ġara illi fl-elfejn u sbatax (2017) is-Sur Gemmell Smith tilef l-impjieg illi huwa kellu ġewwa Malta u b'hekk peress illi ma kellu l-ebda tip ta' dħul ġewwa Malta huwa u il-familja tiegħu kellhom jirrillokaw fi Franza u huma taw id-debita notifika lis-sinjura Bugeja u ir-raġel tagħha illi huma kien ser ikollhom jitilqu minn pajjiżna u is-sinjuri Bugeja kienu ġew infurmati bl-indirizz tas-sur Gemmell Smith fi Franza;

3. Ġara illi is-sinjura Bugeja permezz ta' rikors datat nhar it-tmienja (8) ta' Mejju elfejn u sbatax (2017) intavolat proċeduri quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera fl-ismijiet ***Marisa Bugeja v Dr Josette Sultana u PL Quentin Tanti li b'digriet tat-8 ta' Ġunju 2017 ġew nominati bħala kuraturi għall-assenti Emmanuel Gemmell Smith (Rikors Numru 61/2017JD)*** fejn talbet lil dak il-Bord jogħġbu jordna illi is-sur Gemmell Smith kien debitur tas-sinjura Bugeja fl-ammont komplessiv ta' wieħed u għoxrin elf, erbgħa mija u disgħa u ħamsin Ewro u sitta u sebgħin ċenteżmu (€21,459.76) rappreżentanti allegati arretrati ta' kera u bilanċ allegatament dovut sat-terminazzjoni tal-kirja kif ukoll bilanċ allegatament dovut għal-konsum tad-dawl u ilma u era tal-istess servizzi bejn Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016) u l-ħamsa (5) ta' Mejju elfejn u sbatax (2017);

4. Illi is-Sur Gemmell Smith ma ġiex notifikat bl-atti ta' din il-kawża u b'hekk huwa ma setgħax jiddefendi il-pożizzjoni tiegħu skond il-liġi. Illi il-ħatra tal-kuraturi kienet waħda nulla u intempestiva stante illi is-Sinjura Bugeja kellha fil-pussess tagħha l-indirizz tas-sur Gemmell Smith ġewwa Franza u għaldaqstant il-proċedura ai termini tar-Regolament tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea numru (KE) 1393 tal-2007 dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali kienet titlob illi fl-ewwel lok kellha tiġi ittentata in-notifika tramite l-uffiċju tal-Avukat tal-Istat u mhux billi jiġu appuntati kuraturi deputati;

5. Illi inoltre mill-verbali tal-imsemmija proċeduri quddiem il-Bord li Jirregola il-Kera lanqas ma jidher illi il-kuraturi deputati appuntati sabiex jirrappreżentaw l-interessi tas-Sur Gemmell Smith kienu għamlu xi tentattivi sabiex jinnotifikawh bl-atti tal-kawża;

6. Illi minħabba f'dan, il-Bord li Jirregola l-Kera għadda sabiex permezz tas-sentenza ta' nhar is-sitta (6) ta' Marzu elfejn u dsatax (2019) ikkundanna lis-Sur Gemmell Smith iħallas is-somma fl-ammont komplessiv ta' wieħed u għoxrin elf, erbgħa mija u disgħa u ħamsin Ewro u sitta u sebgħin ċenteżmu (€21,459.76) rappreżentanti allegati arretrati ta' kera u bilanċ allegatament dovut sat-terminazzjoni tal-kirja kif ukoll bilanċ allegatament dovut għal-konsum tad-dawl u ilma u era tal-istess servizzi bejn Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016) u l-ħamsa (5) ta' Mejju elfejn u sbatax (2017) lis-sinjura Bugeja;

7. Illi għal darb'oħra is-sur Gemmell Smith ma ġiex notifikat bis-sentenza ta' nhar is-sitta (6) ta' Marzu elfejn u dsatax (2019) u b'hekk din is-sentenza saret *res judicata*;

8. Illi kien biss fit-tmienja (8) ta' Novembru tal-elfejn u dsatax (2019) illi is-Sur Gemmell Smith ġie a konoxxenza tal-proċeduri illi kienu inqatgħu kontrieh u dan perezz illi marixxall tal-Qorti ta' Bourgoin-Jallieu innotifikah b'dokumenti ta' proċedura intavolata ġewwa Franza għal esekuzzjoni tas-sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera ġewwa Franza (kopja hawn annessa u mmarkata bħala Dok. A);

9. Illi sa dan l-istadju il-kawża kienet laħqet saret *res judicata* u b'hekk ir-rikorrenti ma kellux mod kif huwa seta' jirrimedja il-proċeduri illi inġiebu kontra tiegħu mingħajr ma kien a konoxxenza tagħhom u mingħajr ma kien infurmat dwar is-sentenza qabel ma din kienet saret *res judicata;*

10. Illi is-sentenza ta' nhar is-sitta (6) ta' Marzu elfejn u dsatax (2019) inkisbet bi ksur tal-jedd fondamentali għal smigħ xieraq imħares taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni stante illi ir-rikorrenti sar jaf bil-proċeduri wara illi is-sentenza saret res judicata u b'hekk baqa' mingħajr rimedju sabiex iwaqqa is-sentenza miksuba kontrih.

Illi għaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti prevja kull dikjarazzjoni oħra li jidhrilha xierqa jogħġobha:

1. Tordna u tiddeċiedi illi il-proċedura u is-sentenza ta' nhar is-sitta (6) ta' Marzu elfejn u dsatax (2019) fl-ismijiet ***Marisa Bugeja v Dr Josette Sultana u PL Quentin Tanti li b'digriet tat-8 ta' Ġunju 2017 ġew nominati bħala kuraturi għall-assenti Emmanuel Gemmell Smith (Rikors Numru 61/2017JD)*** kisru il-jedd fondamentali għal smiegħ xieraq tar-rikorrenti u imħares taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni;

2. Tikkanċella u tannulla is-sentenza ta' nhar is-sitta (6) ta' Marzu elfejn u dsatax (2019) fl-ismijiet ***Marisa Bugeja v Dr Josette Sultana u PL Quentin Tanti li b'digriet tat-8 ta' Ġunju 2017 ġew nominati bħala kuraturi għall-assenti Emmanuel Gemmell Smith (Rikors Numru 61/2017JD)*** stante illi din ingħatat bi ksur tal-jedd fondamentali għal smiegħ xieraq tar-rikorrenti u imħares taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni;

3. Tagħti kull rimedju xieraq u meħtieġ ieħor li jidhrilha xieraq sabiex jagħmel tajjeb għall-imsemmi ksur, billi fost ħwejjeġ oħra tillikwida id-danni a favur tar-rikorrenti.

Bl-ispejjeż."

Rat ir-Risposta tad-Direttur Ġenerali (Qrati) ppreżentata fis-6 ta' Lulju 2020 li permezz tagħha wieġeb is-segwenti:-

"1. Illi *in linea* preliminari jigi eccepit illi Direttur Generali (Qrati) m'huwiex il-legittimu kontradittur ghall-lanjanza attrici u ghalhekk ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

2. Illi in linea preliminari wkoll jigi eccepit illi l-azzjoni odjerna hi intempestiva stante li r-rikorrenti ma esawrixewx ir-rimedji ordinarji disponibbli ghalihom skont il-ligi u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeklina milli tiehu konjizzjoni ultejuri tar-rikors promotur odjern.

3. Illi f'dan il-kaz ir-rikorrenti bl-ebda mod ma hu qed jattribwixxu l-allegat ksur tad-dritt fundamentali taghhom ghal xi nuqqas minn naha tal-esponenti u ghalhekk anke minn dan il-lat, it-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tal-esponenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

4. Illi l-esponenti jaghmel riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **George Xuereb vs Registratur tal-Qrati et** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-8 ta' Novembru, 2004 fejn intqal:

'*Hu ben saput li l-Gudikatura hija organu indipendenti mill-Ezekuttiv u ma taqa' taht l-ebda dipartiment governattiv, u hi f'dan is-sens mela li jekk id-dewmien lamentat mir-rikorrent huwa attribwibbli ghall-operat tal-Qorti, allura ir-Registratur tal-Qorti, li hu biss inkarigat mill-amministrazzjoni tal-Qorti u mhux ukoll mill-operat tal-Gudikant, ma jistax hawn hekk ikun legittimu kontradittur.*'

5. Illi l-esponent ma kellu ebda kontroll fuq il-proceduri partikolari u lanqas ma kien involut fil-materja u ghalhekk zgur li l-lanjanzi tar-rikorrent mhux tort tal-esponenti li lanqas biss kien parti fil-proceduri.

6. Illi f'dan il-kuntest l-esponenti jaghmel riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Mark Lombardo et vs Kunsill Lokali Fgura** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Ottubru, 2005 fejn gie ritenut:

'*Kwantu ghall-appellat Registratur, Qrati Civili u Tribunali ma jidhirx li jista' jkun hemm l-icken dubbju li dan ma hux il-legittimu kontradittur f'din il-kawza. Ir-Registratur ma jirraprezentax lill-Qrati li l-operat taghhom gie attakkat bir-rikors promotorju – anzi, bil-kontra, huwa jiehu l-ordnijiet minghandhom skond il-ligi – u hu ma hux f'posizzjoni li jaghti rimedju effettiv kieku stess din il-Qorti kellha ssib x'ticcensura fuq il-livell kostituzzjonali fl-operat ta' dawk il-Qrati.*'

7. Illi in oltre ssir riferenza ghas-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili (sede kostituzzjonali) datata 12 ta' Marzu tas-sena 2015 fl-ismijiet **Dr. Joseph Zammit Tabona et vs Direttur Generali Qrati et**;

8. Illi fil-meritu l-eccipjenti jirrileva illi ma kien hemm ebda ksur kif lamentat mir-rikorrenti u kwindi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

9. Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ossia risposti ulterjuri.

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad *in toto* t-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti."

Rat ir-Risposta tal-Ministru għall-Ġustizzja, l-Ugwaljanza u l-Governanza u tal-Avukat tal-Istat preżentata fit-6 ta' Lulju 2020 li permezz tagħha wieġbu s-segwenti:-

1. Illi preliminarjament, il-Ministru għall-Ġustizzja, l-Ugwaljanza u l-Governanza mhux il-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri u għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-Ġudizzju;

2. Illi preliminarjament ukoll, l-Avukat tal-Istat mhuwiex il-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri u konsegwentement għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju wkoll;

3.1 Illi preliminarjament ukoll u mingħajr preġudizzju għall-paragrafi preċedenti, dawn mhumiex il-proċeduri idonei li r-rikorrent kellu jintavola sabiex jattakka dak li seħħ quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera u allura għandu jirrizulta li ma utilizzax il-mezzi ordinarji li kellu a disposizzjoni tiegħu qabel ma ntavola dawn il-proċeduri straordinarji;

3.2 Illi fil-proċeduri li qed jiġu attakkati, ir-rikorrent kien qed jiġi rapprezentat minn kuraturi. Skont l-artikoli 936 u 937 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-kuraturi għandhom lista sħiħa ta' dmirijiet li qed tiġi riprodotta għall-attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti:

"*936.(1)* ***Il-kuraturi għandhom jagħmlu l-ħila tagħhom kollha għad-difiża tal-interessi li għalihom ikunu jidhru****. Id-dmirijiet tal-kuraturi għandhom jinkludu dan li ġej:*

***(a) li jinvestigaw sewwa dwar il-jeddijiet tal-persuni li jirrappreżentaw u li jidentifikaw dawn il-jeddijiet;***

***(b) li jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jittutelaw il-jeddijiet imsemmija qabel;***

*(ċ)* ***li jikkuntattjaw minnufih*** *lill-persuna jew persuni li jkunu qed jirrappreżentaw, jekk l-indirizz ikun magħruf, u jekk mhux magħruf* ***għandhom jagħmlu dak kollu li jistgħu jagħmlu biex isiru jafu l-indirizzi tagħhom, magħduda l-pubblikazzjoni bl-awtorità tal-qorti ta' avviż f'gazzetta tal-lokal fejn l-aħħar kien magħruf jew kienu magħrufin****;*

***(d) <u>l jgħarrfu lill-persuna jew persuni li jkun qed jirrappreżentaw b'kull att ġudizzjarju u x'ikun fih</u>;***

*(e)* ***<u>li jiksbu t-tagħrif kollu meħtieġ sabiex jiddefendu kull interess tal-persuna jew persuni li jkunu jirrappreżentaw</u>****;*

*(f)* ***<u>li jkomplu jittutelaw l-interessi tal-persuna jew persuni li jirrappreżentaw dwar kull ħaġa pendenti</u>*** *minkejja liż-żmien tal-ħatra taħt l-artikoli 89 jew 90 jista' jkun skada; u*

*(g)* ***li jżommu lill-qorti regolarment mgħarrfa b'kull azzjoni meħuda fit-twettiq tad-dmirijiet tagħhom.***

***<u>(2) Il-kuraturi għandhom iwieġbu għal kull danni u imgħaxijiet li jista' jkun hemm minħabba t-traskuraġni tagħhom.</u>***

***937. <u>Il-prokuratur legali maħtur bħala kuratur għandu jfittex li jġib lill-avukat l-informazzjonijiet dwar kull fatt li l-avukat jitolbu, jippreżenta l-iskritturi, jidher fis-smigħ tal-kawża, u jagħti lill-avukat kull assistenza oħra meħtieġa</u>.*"** (enfasi mizjud)

3.3 Minn qari tal-artikoli kkwotati fuq u mill-fatti kif posti mir-rikorrent, jidher li **<u>l-obbligu kien fuq il-kuraturi</u>** li jħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent – u mhux fuq l-Avukat tal-Istat jew fuq il-Ministru intimat. Il-liġi tispeċifika wkoll x'għandu jsir meta l-kuraturi ma jagħmlux xogħolhom kif teziġi l-liġi. Kwindi dan juri li dawn il-proċeduri kostituzzjonali nfetħu erronjament u intempestivament u għalhekk din l-Onorabbli Qorti hija umilment mitluba biex ma tinqediex bis-setgħat tagħha skont il-*proviso* tal-artikolu 4(2) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

4. Illi <u>fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost</u>, it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda bil-qawwa peress li huma infondati fil-fatt u fid-dritt għaliex l-esponenti assolutament mhumiex responsabbli għal dak li qed jilmenta minnu r-rikorrenti u dan kif ser jiġi muri aħjar matul is-smigħ tal-kawza;

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

GĦALDAQSTANT, l-esponenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad il-pretensjonijiet kollha tar-rikorrent kif dedotti fir-rikors promotur tiegħu u dan bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent."

Rat ir-Risposta ta' Marisa Bugeja preżentata fit-30 ta' Lulju 2020 li permezz tagħha wieġbet is-segwenti:-

1) "Illi preliminarjament ir-rikors promotur huwa null in kwantu li ma sarx fil-forma ta' rikors guramentat kif titlob il-ligi;

2) Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talbiet attrici huma preskritti u perenti a tenur tal-Artikolu 818(1)(a),(b),(c) u (d) u l-Artikolu 819(1) u (2) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta);

3) Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, il-procedura li qed tigi addottata mill-atturi mhijiex dik korretta li trid issir biex jigu attakati l-proceduri li saru quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu rigettati;

4) Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-attur nomine ghandu jipprova li huwa fil-fatt vestit bis-seta' li jipproccedi bil-prezenti kawza. Dan jinghad peress illi l-attur nomine ma pprezenta l-ebda prokura flimkien mal-atti promotturi ta' din il-kawza li gew notifikati lill-eccipjenti;

5) Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-atturi kellhom l-ewwel u qabel ma taw bidu ghall-kawza odjerna, irrikorrew ghal u kellhom jezawrixxu r-rimedji ordinarji disponibbli ghalihom, kompriz appell mis-sentenza *de quo* tal-Bord li Jirregola l-Kera u talba ghal ritrattazzjoni ta' dik il-kawza bil-mod stabbilita fil-ligi;

6) Illi tant huwa l-kaz li l-atturi ma ezawrixxewx ir-rimedji ordinarji disponibbli ghalihom li ghalkemm fil-premessa numru sitta (6) tar-Rikors Guramentat promotur ta' din il-kawza l-atturi iddikjaraw li kien fit-tmienja (8) ta' Novembru tal-elfejn u dsatax (2019) illi is-Sur Gemmell Smith gie a konoxxenza tal-proceduri illi kienu inqatghu kontrieh u dan perezz illi marixxall tal-Qorti ta' Bourgoin-Jallieu innotifikah b'dokumenti ta' procedura intavolata gewwa Franza ghal esekuzzjoni tas-sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera gewwa Franza u sahhansittra annetta kopja u mmarkaha bhala Dok. A, ma saret l-ebda talba ghal ritrattazzjoni tal-kawza deciza bl-imsemmija sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera a tenur tal-Artikolu 811 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta entro t-tlett xhur mit-tmienja (8) ta' Novembru tal-elfejn u dsatax (2019) hekk kif jipprovdi l-artikolu 818(1) ta' l-istess Kap 12;

7) Illi primarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-atturi ghandhom jipprovaw l-interess guridiku taghhom;

8) Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, il-bandi ghall-hatra ta' kuraturi biex jirraprezentaw lis-Sur Gemmell Smith fl-atti tal-kawza quddiem il-

Bord li jirregola l-Kera (Kawza numru 61/2017 JD) kienu gew debitament notifikati lis-Sinjura Cherton Caruana - is-sensara li wasslet l-esponenti u s-Sur Gemmell Smith ghall-ftehim ta’ lokazzjoni mertu ta’ dik il-kawza – u dan kif jitlob l-artikolu 931 et seq tal-istess Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

9) Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, kien proprju wara li l-istess Cherton Caruana kienet notifikata bil-precitat bandu u wara li ma deher hadd biex jaccetta l-kurazija li jidher li l-Bord li jirregola l-Kera ghada biex jahtar lil Avukat Dr Josette Sultana u l-Prokuratur Quentin Tanti bhala kuraturi ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi – dan kollu jidher mill-annessa kopja tal-atti tal-istess bandu (**Dokument MB1**);

10) Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-esponenti ma tistax twiegeb dwar jekk l-imsemmija kuraturi deputati appuntati sabiex jirrapprezentaw l-interessi tas-Sur Gemmell Smith kienu ghamlu xi tentattivi sabiex jinnotifikawh bl-atti tal-kawza. Bizzejjed pero’ li jinghad li skont l-artikoli 936 u 937 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, apparti milli kellhom jagħmlu l-hila tagħhom kollha ghad-difiza tal-interessi s-Sur Gemmell Smith, il-kuraturi kellhom elenku shih ta' dmirijiet li kellhom jaghmlu ghad-difiza tal-interessi ta’ l-istess Sur Gemmell Smith;

11) Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, in vista tal-precitata eccezzjoni jidher bl-aktar mod car li l-eccipjenti ma hijiex il-legittimu kontradittur - jekk is-Sur Gemmell Smith ghandu xi ilmenti, dawn kellhom jigu immirati band’ ohra;

12) Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-eccipjenti tirrileva illi ma kien hemm ebda ksur kif lamentat mill-atturi u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda;

13) Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, ghalhekk dina l-Onorabbli Qorti ghandha tichad it-talbiet attrici minnufieh u tiddeklina milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom a tenur tal-*proviso* tal-artikolu 4(2) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

14) Illi f’kull kaz, bla pregudizzju ghal dak fuq eccipit, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk handhom jigu michuda minn dina l-Onorabbli Qorti;

15) Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-eccipjenti zzid billi ulterjorment tistqarr u tispjega:

   i. Illi malli s-Sur Gemmell Smith kien għarraf li kien tilef l-impjieg, kien sar ftehim li permezz tieghu l-kera mensili kienet giet ridotta bil-ghan li s-Sur Gemmell Smith u l-familja tieghu setghu jibqghu fil-kirja;

ii. Illi fl-ebda mument ma kienu, la l-eccipjenti u lanqas zewgha, informati verbalment jew formalment mis-Sur Gemmell Smith li hu u l-familja tiegħu riedu jew ippjanaw li jitilqu minn Malta. Difatti, hekk kif jigi spejat ulterjorment, l-eccipjenti kienet giet infurmata minn residenti tal-istess triq li kien hemm *trailer* quddiem il-propjeta' *de quo* u wara da, meta l-eccipjenti ressqet vicin il-propjeta' *de quo* li kienet kriet lis-Sur Gemmell Smith hi rat nies ta' kumpannija tal-gar jghabbu affarijiet gewwa *trailer* s-Sur Gemmell Smith kien qieghed jgħabbi l-affarijiet tieghu (u anke xi affarijiet tal-eccipjenti) fih. Difatti l-eccipjenti ghandha diversi ritratti li juru dan kollu – dawn qed jigu hawn esibiti u mmarkati bhala **Dokumenti "MB2" – "MB5"**;

iii. Illi f'dan ir-rgward, hekk kif jigi spejat ulterjorment, l-eccipjenti sahhansitta ghamlet rapporti mal-Pulizija wara li rat nies ta' kumpannija tal-gar jghabbu affarijiet gewwa *trailer* – uhud minn dawn ir-rapporti qed jigu hawn esibiti u mmarkati bhala **Dokumenti "MB6" u "MB7"**;

iv. Meta saru r-rapporti lill-pulizija, kienu sahhansittra saru sforzi wkoll mill-pulizija biex jcemplu lis-Sur Gemmell Smith fuq in-numri tat-telefon cellulari lokali u barranin li s-Sur Gemmell Smith kien ta lill-eccipjenti u li l-eccipjenti kienet tat lill-pulizija izda jidher li dawn l-isforzi kienu inutili;

v. Illi l-eccipjenti qatt ma kienet giet infurmata bid-dettalji tal-indirizz fejn is-Sur Gemmell Smith kien sejjer jirriloka u sahhansittra ppruvat tikseb dan l-indirizz permezz tas-Sinjura Cherton Caruana (is-sensara li kienet introduciet lis-Sur Gemmell Smith lill-eccipjenti) u anke minghand l-imghallem precedenti tas-Sur Gemmell Smith, certu Jeff Whittemore (vide l-anness email **Dokument "MB8"**);

vi. Illi tant huwa minnu li s-Sur Gemmell Smith qatt ma kien intensjonat li jaghti l-indirizz sussegwenti tieghu li s-Sur Gemmell Smith ghadu qed jircievi l-posta fil-fond *de quo* li kien gie lokat lilu mill-eccipjenti – uhud minn din il-posta qed tigi hawn esibita u mmarkata bhala **Dokumenti "MB9 - MB38"** li anke jinkludu notamenti li l-pustier halla biex tingabar posta registrata (vide **Dokumenti "MB39 – MB42"**). Ghandu jinghad li is-Sur Gemmell Smith sahhansittra halla l-fond *de quo* li kien gie lokat lilu miftuh (vide **Dokumenti "MB43 – MB45"**) wara li telaq u di pju' halla apparat relatat mas-servizzi tat-telekomunikazzjoni li jidher li jappartjeni lil GO plc fil-propjeta';

16) Illi l-esponenti tikkonferma li hi taf personalment bil-fatti hawn dikjarati;

17) Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez u bir-riszerva ta' kull dritt spettanti lill-eccipjenti."

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti;

Qrat ix-xhieda fil-kawża;

Rat il-verbal tal-udjenza tat-12 ta' Novembru 2020 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għad-deċiżjoni parzjali fuq l-eċċezzjonijiet preliminari kif verbalizzat fil-verbal preċedenti tat-22 ta' Settembru 2020, jiġifieri l-eċċezzjonijiet numri 2 u 5 tal-Intimata Marisa Bugeja, l-eċċezzjoni numru 3 tal-Ministru għall-Ġustizzja, l-Ugwaljanza u l-Governanza u tal-Avukat tal-Istat u l-eċċezzjoni numru 2 tad-Direttur Ġenerali (Qrati).

**<u>Punti ta' fatti</u>**

**1.** Permezz ta' dawn il-proċeduri, ir-Rikorrent qiegħed ifittex jattakka deċiżjoni tal-Bord li Jirregola l-Kera mogħtija fis-6 ta' Marzu 2019 (a' fol 118) bħala leżiva tad-dritt fondamentali għal smigħ xieraq imħares taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

**2.** Din id-deċiżjoni ingħatat wara proċeduri istitwiti mill-Intimata Marisa Bugeja kontra r-Rikorrent b' rikors datat 8 ta' Mejju 2017. Dawn il-proċeduri ġew hekk istitwiti wara li l-lokazzjoni ta' fond konċessa mill-Intimata Bugeja favur ir-Rikorrent permezz ta' skrittura privata datata 6 ta' Mejju 2015 u mbagħad riveduta bi skrittura oħra datata 1 ta' Diċembru 2016, ġiet

unilateralment terminata mir-Rikorrent meta qabad u vvaka l-istess fond fil-5 ta’ Marzu 2017 u mar lura pajjiżu fi Franza (ara deċiżjoni a’ fol 118 u 119).

**3.** B’dik id-deċiżjoni, l-Bord laqgħa t-talbiet tal-Intimata Marisa Bugeja u ddikjara lill-attur Emmanuel Gemmell Smith debitur tal-istess Intimata Marisa Bugeja fl-ammont ta’ €3,200 rappreżentanti l-arretrati ta’ kera dovuta għax-xhur ta’ Frar u Marzu 2017, kif ukoll fl-ammont ta’ €4,800 bilanċ ta’ kera illi għad fadal sat-terminu tal-kirja ta’ sentejn, kif ukoll fl-ammont ta’ €13,459.76 rappreżentanti l-bilanċ in konnessjoni mal-konsum tad-dawl u l-ilma u kera tal-istess servizzi minn Lulju 2016 sal-5 ta’ Marzu 2017 ai termini tal-klawsola 4 tal-iskrittura privata.

**<u>Punti ta’ Liġi</u>**

**4.** Ir-Rikorrent qiegħed jirreklama din il-leżjoni tad-dritt fundamentali fuq ir-raġuni li huwa sar jaf bl-imsemmija deċiżjoni tal-Bord biss fit-8 ta’ Novembru 2019 meta ġie notifikat mill-marixxall ta’ Qorti fi Franza b’dokumenti ta’ proċeduri hemm intavolati għall-eżekuzzjoni tal-istess deċiżjoni (a’ fol 9).

**5.** Minħabba f’hekk ir-Rikorrent jippremetti li huwa “*sar jaf bil-proċeduri wara illi is-sentenza saret res judicata u b’hekk baqa’ mingħajr rimedju sabiex iwaqqa is-sentenza miksuba kontrih*.” (ara premessi numru 8 sa 10).

**6.** Skont ir-Rikorrent, huwa sar hekk jaf bil-proċeduri wara illi s-sentenza saret res judicata minħabba żewġ raġunijiet hawn klassifikati:

1. Li minkejja li l-Intimata Bugeja kellha fil-pussess tagħha l-indirizz tiegħu fi Franza, ir-Rikorrent baqa ma ġiex notifikat bl-atti ta' dik il-kawża skont il-proċedura kontemplata fir-Regolament tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea numru (KE) 1393 tal-2007. Minflok ġew intempestivament maħtura kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw l-interessi tiegħu (ara premessa 4).

2. Li l-istess kuraturi deputati m'għamlu l-ebda tentattiv sabiex jinnotifikaw lir-Rikorrent la bl-atti ta' dik il-kawża u lanqas bl-imsemmija deċiżjoni tal-Bord tas-6 ta' Marzu 2019 (ara premessa 5 u 7).

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

**7.** Fl-eċċezzjonijiet tagħhom l-Intimati kollha issollevaw n-nuqqas ta' eżawriment tar-rimedji ordinarji (ara eċċezzjoni numru 2 tad-Direttur Ġenerali (Qrati) a' fol 29, eċċezzjoni numru 3 tal-Ministru għal-Ġustizzja, l-Ugwaljanza u l-Governanza u tal-Avukat tal-Istat a' fol 32 u eċċezzjoni numru 5 tal-Intimata Marisa Bugeja a' fol 40).

**8.** Filwaqt li fl-eċċezzjoni tiegħu d-Direttur Intimat naqas milli jindika r-rimedji ordinarji disponibbli ghar-Rikorrent, fl-eċċezzjoni tagħha l-Intimata Bugeja issollevat li r-Rikorrent kellu, qabel ma ta bidu għall-kawża odjerna,

jirrikorri għall-Appell mid-deċiżjoni tal-Bord u talba għal ritrattazzjoni ta' dik il-kawża bil-mod stabbilit fil-liġi. L-Intimat Ministru u l-Intimat Avukat tal-Istat ssollevaw li r-Rikorrent fetaħ dawn il-proċeduri erronjament u intempestivament billi, ai termini tal-artikolu 936 u 937, kien sta għal kuraturi u mhux għalihom li jħarsu l-jeddijiet tiegħu. Il-Qorti qed tifhem għalhekk li għall-Intimat Ministru u l-Intimat Avukat tal-Istat din l-azzjoni hija intempestiva u żbaljata għaliex ir-Rikorrent kellu jistitwixxi kawża għad-danni kontra l-istess kuraturi ai termini tal-artikolu 936(2) tal-Kap. 16 u mhux il-kawża odjerna.

**9.** Fid-dawl tal-ġurisprudenza ormai kostanti, il-Qorti trid tqis għandhiex jew le tiddeklina milli teżerċita d-diskrezzjoni tagħha ai termini tal-proviso tal-artikolu 4(2) tal-Kap. 319 u/jew tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni, abbażi ta' żewġ prinċipji. Dawn huma "*jekk skont il-fatti tal-każ tal-lum: (i) ir-rikorrenti kellhomx ghad-dispozizzjoni taghhom rimedji ordinarji li kienu accessibbli, xierqa, effettivi u effikaci sabiex jindirizzaw il-lanjanzi taghhom ; u (ii) jekk ir-rimedju ordinarju kienx ikopri ghal kollox il-lanjanzi tar-rikorrenti. Fi kwalunkwe kaz, tibqa` d-diskrezzjoni ta` din il-Qorti li taghzel "li tezercita s-setghat taghha" anke meta min iressaq l-ilment ikollu jew kellu mezzi ohra ta` rimedju.*" (**Gerald Camilleri et vs Avukat Generali et**, **Qorti Ċivili Prim' Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali), 31 ta' Ottubru 2019**).

**10.** Il-Qorti sejra issa tqis ir-rimedji proposti mill-Intimati fid-dawl ta' dawn iż-żewġ prinċipji esposti fis-sentenza appena ċitata.

Appell mid-deċiżjoni tal-Bord

**11.** Joħroġ ictu oculi mill-premessi tar-rikors promotur li r-Rikorrent ma huwiex qed jattakka d-deċiżjoni għal xi raġuni fil-mertu iżda għaliex din ingħatat u saret res judicata bi ksur tal-prinċipju ta' 'audi alteram partem' u smiegħ xieraq **minħabba nuqqas ta' notifika effettiva**.

**12.** Dan ir-rimedju għalhekk, apparti li lanqas kien aċċessibbli għar-Rikorrent minħabba dan l-istess nuqqas, ma jkopri xejn il-lanjanza tar-Rikorrent. Għaldaqstant la jista' jitqies idoneju u lanqas wieħed tajjeb u effiċjenti.

Talba għal ritrattazzjoni tad-deċiżjoni tal-Bord li Jirregola l-kera

**13.** Kif ġia ingħad, b'dawn il-proċeduri r-Rikorrent qed ifittex jattakka d-deċiżjoni tal-bord għal żewġ raġunijiet u ċjoe (1) li ma ġiex segwit l-iter proċedurali korrett u skont il-liġi. Dan fis-sens li minflok ma saret in-notifika tiegħu ai termini tar-regolament KE 1393/2007 ġew intempestivament maħtura kuraturi deputati; u (2) l-istess kuraturi ma nnoftikawx lir-Rikorrent la bl-Atti tal-kawża u lanqas bl-istess deċiżjoni.

**14.** Il-Qorti tirrikonoxxi li talba għal ritrattazzjoni taħt l-ewwel raġuni saret kemm il-darba abbażi tal-artikolu 811 (a) u (b) tal-Kap. 12 u ġiet milqugħa f'iktar minn okkażjoni waħda (ara fost oħrajn **Borda Brothers Limited vs Elisa Griecto et**, **Qorti Ċivili Prim' Awla per Imħallef Joseph Azzopardi,**

**25 ta' Ġunju 2010** u kawżi mogħtija mill-**Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) per Imħallef Noel Cuschieri fl-ismijiet AC vs DE datata 23 ta' Frar 2012 u per Imħallef Robert Mangion fl-ismijiet X U P pro et noe vs Dr Vincent Galea et datata 9 ta' Novembru 2016; AB vs FB datata 6 ta' Diċembru 2012 u Av. Lorraine Schembri Orland noe vs AB et datata 3 ta' Diċembru 2015**).

**15.** Il-Qorti minn naħa l-oħra tagħraf ukoll li kawża ma tistax tkun ritrattabbli fuq it-tieni raġuni postulata mir-Rikorrent, jiġifieri dik rigwardanti n-nuqqas tal-Kuraturi nnifishom li jinnotifikaw lir-Rikorrent. Dan għaliex ir-ritrattati m'għandhomx iwieġbu għan-nuqqas tal-kuraturi meta dawn ikunu ġew nominati bi proċedura korretta, kif suppost u skont il-liġi (ara **L-Avukat Dottor Nikolai Vella Falzon noe vs Global Village English Centre (Malta) Limited (C8331)**, **Qorti Ċivili Prim' Awla, 27 ta' Marzu 2009**).

**16.** Iżda l-ostaklu prinċipali għal dan ir-rimedju huwa l-fatt li l-liġi proċedurali tagħna ma tikkontemplax ritrattazzjoni ta' kawża deċiża b'deċiżjoni tal-Bord li jirregola l-Kera, iżda biss ta' kawżi deċiżi b'sentenza mogħtija fi grad ta' appell jew mill-Qorti Ċivili, Prim Awla, fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha (artikolu 811) jew ta' kawżi deċiżi b'sentenza mogħtija minn qorti tal-ewwel grad (artikolu 812). Il-Bord li Jirregola l-Kera kif stabbilit bil-Kap. 69 ma huwiex Qorti tal-Appell jew Qorti Ċivili, Prim Awla (Sede Kostituzzjonali). Lanqas ma jista' jitqis qorti tal-ewwel grad, jiġifieri Qorti tal-Maġistrati (ara artikolu 47 u artikolu 50, Kap. 12), ħlief ai fini ta'

eżegwibbilta proviżorja skont l-artikolu 266 tal-Kap. 12 (ara s-sub-inċiż (12) tal-istess artikolu).

**17.** Il-Qorti f'dan ir-rigward tagħmel tagħha l-osservazzjonijiet tal-**Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) per Imħallef Philip Sciberras fl-ismijiet Dennis Mifsud vs Alfred Degiorgio, 11 ta' Frar 2004**: "*l-legislatur ma hasibx ukoll ghall-provvediment tad-dritt tar-ritrattazzjoni quddiem it-Tribunal. Li jfisser illi kieku din ilQorti kellha tammetti dan id-dritt tkun qed tinoltra ruhha f'kamp li di diritto mhux rizervat lilha. L-invokazzjoni ghall-principju tal-ekwita` ma ggibx ghal daqshekk illi rritrattazzjoni hi permissibbli anke fejn dan mhux konsentit jew akkordat skond il-volonta` tal-ligi.*" Għalkemm din is-sentenza hawn ċitata tirrigwarda deċiżjoni ta' Tribunal u mhux tal-Bord li jirregola l-Kera, il-prinċipju madanakollu jibqa' l-istess.

**18.** Għaldaqstant, billi l-każ odjern jikkonċerna deċiżjoni mogħtija mill-Bord li jirregola l-Kera li għaliha ma tapplikax l-istitut tar-ritrattazzjoni, dan ir-rimedju ma kienx disponibbli għar-Rikorrent.

<u>Kawża għad-danni kontra l-kuraturi deputati ai termini tal-artikolu 936(2) tal-Kap. 12 tal-liġijiet ta' Malta</u>

**19.** Il-Qorti tqis li dan ir-rimedju ordinarju prospettat mill-Intimat Ministru u Avukat tal-Istat tassew huwa '*aċċessibbli, xieraq, effettiv u effikaċi*'. Dan ir-rimedju iżda ma jkoprix għal kollox il-lanjanzi tar-Rikorrent inkwantu

jindirizza biss l-aġir tal-kuraturi nnifishom u mhux il-proċedura li kellha tiġi adoperata skont ir-Regolament KE 1393/2007. Għaldaqstant ifalli mit-tieni prinċipju ġurisprudenzjali kif ċitat fis-sentenza **Gerald Camilleri et vs Avukat Generali et** (supra).

**20.** Fid-dawl ta' dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tqis li għandha tapplika d-diskrezzjoni tagħha ai termini tal-proviso tal-artikolu 4(2) tal-Kap. 319 u/jew tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni favur li teżerċita s-setgħat tagħha skont l-istess artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4(2) tal-Kap. 319.

**21.** Il-Qorti sejra għalhekk tiċħad it-tieni eċċezzjoni tad-Direttur Ġenerali (Qrati), it-tielet eċċezzjoni tal-Ministru għal-Ġustizzja, l-Ugwaljanza u l-Governanza u tal-Avukat tal-Istat kif ukoll il-ħames eċċezzjoni tal-Intimata Marisa Bugeja.

**22.** Konsegwentement tiċħad ukoll it-tieni eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-Intimata Bugeja a tenur tal-artikolu 818(1)(a), (b), (c) u (d) u l-Artikolu 819(1) u (2) tal-Kap. 12. Dan peress li dawn l-artikoli jirrigwardaw iż-żmien li fih tista ssir talba għar-ritrattazzjoni u kif ingħad aktar 'l fuq dan l-istitut ma hux applikabbli fir-rigward ta' deċiżjonijiet tal-Bord li Jirregola l-Kera.

**Decide**

Għaldaqstant u għar-raġunijet fuq imsemmija, il-Qorti qiegħdha taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi;

**Tiċħad it-tieni eċċezzjoni** tad-Direttur Ġenerali (Qrati);

**Tiċħad it-tielet eċċezzjoni** tal-Ministru għall-Ġustizzja, l-Ugwaljanza u l-Governanza u tal-Avukat tal-Istat;

**Tiċħad it-tieni u l-ħames eċċezzjoni** tal-Intimata Marisa Bugeja.

**L-ispejjeż** ta' din id-deċiżjoni parzjali jitħallsu mill-Intimati in solidum.

**Tordna** għalhekk il-prosegwiment tal-kawża.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**